safja. Kemm-il darba, mitlufin f'sakra ta' mħabba, ħalfu 'l xulxin li ma kellhom jinsew qatt wieħed lill-oħra!

Issa kienu għaddew is-sentejn — għaddew bħal ħolma. Reġgħet ġiet hawn, minn daqs dak kobor, tindifen f'dan ir-raħal!! Oh x'dinja din li tlaqqa' fejn ma għandhiex tlaqqa' u tifred fejn l-iktar kien messha tgħaqqad! Kif inqaleb kollox kemm ilha li ġiet lura! Lil Roby ma tarah qatt ħlief fl-aħħar tax-xahar meta jidħlu l-Belt għas-salarju. Imbagħad — jifirħu b'xulxin għal ftit. Donnu bħal dari — imma mhux sewwa sew bħal dari. Roby ma baqgħax dak li kien; minn kliemu u għamilu kien bħal beda jibred lejha u wara dil-bruda spiċċa biex jaħrabha u ma jimxix magħha... sakemm semgħet li qed jerġa' joħroġ mat-tfajla li kien ikellem fl-antik u li kien iġġieled magħha ftit qabel siefer... Kemm kienu fiergħa dawk il-wegħdiet li taw 'il xulxin barra minn Malta!

Xejn ħlief iż-żmien ma jiswa biex ifejqilha l-ferita li baqgħet f'qalbha. Iż-żmien biss inessi!

Imma madankollu kien hemm xi ħadd li ż-żmien, flok naqqaslu, kattarlu t-tama li xi darba għad ikun jista' jsejjaħ 'il Karmena tiegħu. U waqt li din kienet qed tnin bl-imħabba għal min kisrilha qalbha, l-imsejken Żaru qagħad jistenna minn għand Karmena kelma waħda biss li timlielu qalbu b'dak il-faraġ li hi kienet għalxejn ittallbet mn'għand ħaddieħor.

## IL-ĠMIEL

*X'inhuwa l-ġmiel? Wara li ħafna ħsibt,*
*Naf illi fl-aħħar it-tweġiba sibt.*
*Il-ġmiel hu in-normal, il-ġmiel hu s-saħħa;*
*Il-ġmiel hu l-qawwa u kull wirja tagħha;*
*Meta l-maħluq iħoss il-ħajja fih*
*Jidher u jkun, f'għajnejn in-nies, sabiħ.*
*Sa hawn il-ħsieb. Iżda kif lilek rajt*
*B'għajnejja 'l moħħi tifsir ġdid jien tajt.*
*Il-ġmiel hu int, il-ġmiel huwa għajnejk,*
*Il-ġmiel huwa il-lwien ta' fuq ħaddejk;*
*Il-ġmiel hu rasek ċkejkna, id-daħka tiegħek,*
*Il-ġmiel dak kollu illi jaqsam miegħek.*
*Sabiħa l-art li fuqha int irfist,*
*Il-ward sabiħ għax lejh inti ħarist.*

E. Agius.